# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 19**

**Avviz numru 1130/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Theresa Curle**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija hdax-il lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (LM811.53,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 572438 (skond kif jirrizulta mill-annessi statements Dok A u B) liema servizz gie stallat fil-fond "Yassou Restaurant", 356, Main Street, San Pawl il-Bahar, u dana skond ma kif jidher mill-anness "service agreement" Dok. C;**

**Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-28 ta' Settembru tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**